Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 83/2019

**Perprop Limited** **(appellata)**

**Vs**

**Romy Foods Corporation Limited (C 63159)** **(appellanti)**

21 ta' Ottubru, 2019.

1. B'sentenza tat-2 ta' Lulju, 2019 il-Bord Li Jirregola l-Kera laqa' t-talbiet tal-kumpannija attriċi li jaqraw:

> *"1. Jiddikjara li l-kuntratt ta' bejn il-partijiet fuq imsemmi u datat 24 ta' Awissu, 2017 huwa tterminat minħabba ksur tal-istess da parti tal-intimat, stante li n-nuqqas ta' ħlas ta' kera kif ukoll il-ksur minħabba l-inadempjenza tas-soċjeta intimata minkejja n-notifika uffiċjali kif imsemmi u stipulta f'Artikolu 18 tal-kuntratt;*
>
> *2.Jiddikjara lil s-soċjeta intimata, ma għandha l-ebda titolu validu fil-liġi fuq il-fond 3, Pjazza Indipendenza, Valletta;*
>
> *3. Bħala konsegwenza jordna lis-soċjeta intimata sabiex tiżgombra mill-fond 3, Pjazza Indipendenza, Valletta u dan entro terminu qasir u perentorju illi jiġi prefiss minn dan il-Bord;*
>
> *4. Tordna lis-soċjeta intimata tħallas is-somma ta' tlieta u erbghin elf, tmien mija u seba' ewro (€43,807), VAT inkluż, rappreżentanti arretrati ta' kera mhux imħallsa sad-data tat-30 ta' Ġunju, 2019.*
>
> *5. Tordna lis-soċjeta intimata tħallas kwalsiasi kontijiet oħra u arretrati ta' kera, dawl, ilma u spejjeż oħra li rriżultaw sakemm tibqa' fl-okkupazzjoni tal-fond".*

2. B'rikors preżentat fit-22 ta' Lulju, 2019 il-kumpannija konvenuta appellat mis-sentenza.

3. Fid-9 ta' Awissu, 2019 il-kumpannija attriċi wieġbet.

4. Fis-17 ta' Ottubru, 2019 il-partijiet ippreżentaw nota konġunttiva fejn iddikjaraw li kienu ttransiġew il-kwistjoni ta' bejniethom u fl-istess nota hemm il-kondizzjonijiet tat-tat-tranzazzjoni:

> *"Perprop Ltd qiegħda tirriduċi t-talba tagħha kontra Romy Foods Corporation Ltd kif imsemmija f'dan ir-rikors u fis-sentenza mogħtija mill-Board li Jirregola l-Kera fit-2 ta' Lulju, 2019 għall-ammont ta' €17,000 li miegħu jrid jitħallas il-VAT bit-18% għal sitt*

*darbiet pagabbli mensilment b'rati ta' €2834 u VAT €510, l-ewwel ħlas fl-1 ta' Diċembru 2019 u imbagħad f'kull l-ewwel tax-xahar mingħajr imgħaxijiet b'dana pero illi jekk fi skadenza ma jkunx hemm pagament puntwali u totali tar-rata dovuta allura l-ammont kollu mhux imħallas jiġi immedjatament dovut u jgħaddi l-imgħax bit-8% p.a. mid-data ta' skadenza sad-data tal-ħlas.*

*Perprop Ltd tiddikjara illi salv il-kreditu fuq imsemmi m'għandha ebda talba kwalsiasi oħra kontra Romy Foods Corporation Ltd jew l-azzjonist jew/u diretturi.*

*Perprop Ltd pero żżomm ferm fuq it-talba tagħha ta' żgumbrament tal-fond no. 3, Independence Square, Valletta u li l-ftehim tal-kirja bejn il-partijiet datat 24 ta' Awissu 2017 huwa wkoll terminat.*

*Romy Foods Corporation Ltd min-naħa tagħha taċċetta li tħallas id-debitu tagħha lejn Perprop Ltd kif u taħt il-kondizzjonijiet hawn fuq imsemmija, u li filwaqt li tikkonferma u taċċetta li l-kuntratt ta' kirja fuq imsemmi huwa xolt b'effett mil-lum, tintrabat li tirrilaxxja l-pussess vakanti tal-fond immedjatament.*

*Inoltre tikkonferma illi m'għandha ebda talba kwalsiasi kontra Perprop Ltd, jew l-azzjonisti jew/u diretturi tagħha.*

*Il-partijiet jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tagħti deċiżjoni dwar il-meritu kif hawn fuq indikat tat dak li savjament jidher lil din l-Onorabbli Qorti.*

*L-ispejjeż tal-kawża jibqgħu bla taxxa".*

5. Fis-seduta tal-lum deheru d-difensuri tal-partijiet u l-avukat Hugh Peralta in rapprezentanza tas-soċjeta appellata, u reġgħu talbu lill-qorti sabiex tagħti sentenza a bażi tal-ftehim li kkonkludew il-partijiet u li qiegħed fin-nota li ppreżentaw fis-17 ta' Ottubru, 2019.

**Għal dawn il-motivi l-qorti qegħda tinkorpora dik it-transazzjoni fil-parti dispożittiva ta' din is-sentenza, tħassar is-sentenza tal-Bord Li Jirregola l-Kera tat-2 ta' Lulju, 2019 u:-**

1. **Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex tħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' sbatax-il elf ewro (€17,000) li għandhom jitħallsu skont il-kondizzjonijiet li hemm fin-nota konġunttiva tas-17 ta' Ottubru, 2019, u bl-imgħax ta' 8% jekk iseħħ dak kontemplat fl-ewwel paragrafu tal-imsemmija nota.**

2. **Tiddikjara li l-kirja li kien hemm favur il-konvenuta fuq il-fond numru 3, Independence Square, Valletta hi terminata.**

3. **Tikkundanna lill-konvenuta sabiex minnufih tiżgombra minn ġewwa l-fond 3, Pjazza Indipendenza, Valletta.**

4. **Tiddikjara wkoll li kull kwistjoni li kienet meritu tal-kawża hi llum eżawrita bit-transazzjoni u din is-sentenza.**

5. **Spejjeż taż-żewġ istanzi jibqgħu bla taxxa bejn il-parijiet.**

Anthony Ellul.